**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta Distrett San Ġiljan**

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Christoffel Schifo Diamantino, detentur tal-Karta tal-Identità numru 85472M**

***Kaz. Nru. 2121/24***

Illum, 14 ta' Jannar, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat;

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024;

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fl-24 t'April, 2024;

Rat l-atti w id-dokumenti kollha;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet;
Preliminari

Illi l-imputat ġie notifikat biċ-ċitazzjoni fil-jum tal-5 ta' Mejju, 2021 kif jirriżulta mir-riferta esibita fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2021. Fost il-pieni kontemplati bl-artikolu 319 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet hemm il-piena tal-multa jew priġunerija sa zmien xahar. Għaldaqstant it-terminu preskrittiv u dak kontemplat bl-artikolu 688(e) u ċioe dak ta' sentejn.

Isegwi għalhekk li hi biss it-tielet imputazzjoni li tirriżulta preskritta.

Ikkunsidrat,

**Christopher Grech** spjega kif fil-jum li fih għamel ir-rapport kien semgħa mużika b'volum għoli ġej mill-*hostel* li tappartjeni u hi ġestita mill-imputat. Ghalkemm l-mużika kienet tindaqq anke matul il-ġurnata, l-iktar li kien jiddejjaq kien l-istorbju ġenerat matul il-lejl u s-sigħat bikrin ta' filgħodu u ċioe ħin l-irqad w il-mistrieħ.

**Malcolm Zerafa** in rappreżentanza tal-Malta Tourism Authority, esebixxa dokumenti li jindikaw li Marco Polo Hostel kienet liċenzjata bħala Third Class Restaurant u f'liema lokal ma kienx permess li tindaqq mużika.[1]

**Christoffel Schifo Diamantino** jammetti li hu kien iħalli mużika tindaqq fil-hostel u dan minkejja li ma kellux awtorizzazzjoni mill-Malta Tourism Authority:

*The witness:* *I do not have other neighbours that complain. And I do not believe we are actually disturbing him. He is taking advantage of the situation, and* ***I agree I am breaking the law to a certain extent when it comes to the MTA****, I do agree because we have background music over there, background music and I do not believe –*
*The Court:* *that was not background music. ....*
*The witness:* *Since then, believe me, we have stopped the noise, we have stopped the noise. You can go there any time, you can take a film tomorrow, next week, or whatever. The noise does not get through that shaft.*[2]

**Piena**

[1] Xiehda 05.11.24
[2] Xiehda 05.11.24

Illi bejn iż-żewġ imputazzjonijiet japplika l-prinċipju tal-konkors formali tal-pieni, fejn il-piena hi l-istess għaż-żewġ imputazzjonijiet.

Għaldaqstant fuq dawn ir-riżultanzi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(f) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 41(1)(2) u 319 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah ghal multa ta' erba mitt Ewro (€400).

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**